# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' April 2013

## dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera rigward koperazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet tagħhom tal-kompetizzjoni

(2013/203/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 103 u 352, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Konfiderazzjoni Svizzera rigward koperazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u tal-Konfederazzjoni Svizzera.

(2) In-negozjati mal-Konfederazzjoni Svizzera tlestew.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat suġġett għall-konkluzjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera rigward koperazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet tagħhom tal-kompetizzjoni huwa b'dan awtorizzat f' isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi ([1]).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' April 2013.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
S. COVENEY

([1]) It-test tal-Ftehim se jkun ippubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.